# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-25 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 170/2021 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**IA**

**Vs**

**DA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' IA datat 28 ta' April 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewweg fis-26 ta' Settembru tas-sena 1997 (Dok A), u minn dan iz-zwieg kellhom 2 itfal JL li llum ghandu X sena u T li llum ghandu Y-il sena u ghalhekk huma maggorenni;*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt in atti Dr Erica Vella tas-17 ta' Settembru 2004 (DOK B);*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minhabba illi ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn sittax-il sena, llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet;*

5. *Illi ghalhekk ir-rekwiziti tal-aRtikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi i-ligi.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

a) *Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar is-26 ta' Settembru tas-sena 1997 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;*
b) *Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u*
c) *Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata DA, debitament notifikata ma ppresentat ebda risposta u lanqas ma dehret ghas-seduti mhejjija, ghaldaqstant hija kontumaci; (vide fol 18)

Rat il-fakolta moghtija lilha ai termini tal-Art 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tippresenta is-sottomissjonijiet taghha;

Rat illi minkejja dan, l-intimata baqghet inadempjenti; (vide fol 18)

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**IA xehed** (vide affidavit fol 10) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-26 ta' Settembru 1997 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Erika Vella nhar is-17 ta' Settembru 2004. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' xehed illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-***

*divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti*

***b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Settembru 1997, liema zwieg jgib certifikat numru 1721/1997 (Vide certifikat taz-zwieg Dok A, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Erika Vella nhar is-17 ta' Settembru 2004 (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1721/1997 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**